# LECTIO DIVINA

# IS-SITT ĦADD TAL-GĦID (B)

## Ġw 15, 9-17

v.9 **Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi.**

L-oriġini tal-imħabba ta' Ġesù hija l-imħabba tal-Missier, tema rikorrenti ħafna fi Ġw. Għax il-Missier iħobb lill-Iben ħalla kollox f'idejh (3,35), jurih kull ma jagħmel (5,20) u ħabbu sa minn dejjem (17,24). L-Iben għalhekk—kważi bħala kundizzjoni biex il-Missier iħobbu—jagħti ħajtu (10,17).

L-istess imħabba hija mogħtija lid-dixxiplu li huwa mistieden biex bħal Ġesù jibqa' f'din l-imħabba. *U jiena għarrafthom ismek u għad ngħarrafhulhom iżjed, biex l-imħabba li biha ħabbejtni tkun fihom u jiena fihom* (17,26). B'hekk jidher li l-imħabba Nisranija m'għandhiex l-oriġini tagħha fil-persuna stess imma fir-relazzjoni, fl-imħabba li d-dixxiplu jirċievi. B'hekk ikun ftit riduttiv li wieħed jitkellem mill-imħabba biss bħala xi att intellettwali jew tar-rieda, jew mill-banda l-oħra, bħala xi sentiment spontanju li lilu rrid bilfors u dejjem nobdi.

v. 10–11 **Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu fi mħabbti, kif jiena ħarist il-kmandamenti ta' Missieri u qiegħed f'imħabbtu. Għedtilkom dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ.**

Iċ-ċavetta kif id-dixxiplu jibqa' fl-imħabba ta' Ġesù huwa l-ħarsien tal-kmandamenti tiegħu. Ftit qabel, fil-kap. 14 dan tqiegħed bħala l-kriterju tal-imħabba tad-dixxiplu. Għal tlitt darbiet insibu ripetut: *Jekk tħobbuni, ħarsu l-kmandamenti tiegħi* (14,15.21.23). U bħala konsegwenza ta' dan, kemm il-Missier u kemm l-Iben *iħobbu lid-dixxiplu*, *jiġu u jgħammru għandu* u Ġesù *juri lilu nniffsu lilu*. Mill-banda l-oħra—kważi tidher ridondanti—jispeċifika *Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi* (14,24).

Il-ħarsien tal-kmand tal-Missier hu l-atteġġjament kostanti ta' Ġesù fil-konfront tiegħu (*τετήρηκα).* Din l-għaqda mal-Missier hi l-istess identità *tal-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan (κόλπος) il-Missier* (1,18). Id-dixxiplu hu msejjaħ jgħix fl-istess atteġġjament kostanti ta' ubbidjenza u fiduċja fir-rieda tal-Mulej bil-konsegwenza li, *Tassew tassew ngħidilkom li min*

*iħares il-kelma tiegħi ma jara qatt il-mewt* (8,51), flimkien mal-għotja tal-ferħ stess ta' Ġesù, li jagħmel sħiħ (*πληρόω*) il-ferħ tad-dixxiplu. Il-ferħ iħossu Ġwanni l-Battista meta jgħid: *Dak li għandu l-għarusa huwa l-għarus; imma l-ħabib ta' l-għarus, li jkun ħdejh u jisimgħu, jifraħ ħafna meta jisma' leħen l-għarus. U dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet* (*πληρόω*). *Jenħtieġ jikber hu u niċkien jiena* (3,29-30). Għal ftit żmien, il-ferħ se jgħib u minfloku jidħol id-dwejjaq, il-biki u n-niket (16,20.22), *imma għad nerġa' narakom u qalbkom tifraħ, u l-ferħ tagħkom ħadd ma jeħodhulkom* (16,22). L-istess ferħ hu marbut mat-talb magħmul lill-Missier fl-isem ta' Ġesù: *Sa issa ma tlabtu xejn f'ismi. Itolbu u taqilgħu, biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ* (16,24). Ir-rabta l-oħra tal-ferħ hija mal-kelma ta' Ġesù. Hu, għalkemm jinsab assenti hu preżenti permezz tal-kelma li tagħti l-ferħ sħiħ: *Imma issa jiena ġej għandek, u qiegħed ngħid dan, kif għadni fid-dinja, biex huma jkollhom fihom il-ferħ sħiħ tiegħi* (Ġw 17,13).

Fid-dawl ta' dawn il-versi jidher li din ir-relazzjoni ta' mħabba bejn id-dixxiplu u l-Mulej hija waħda dinamika; min naħa hi xi ħaġa li wieħed jilqa' għax ingħatatlu, min-naħa l-oħra meta d-dixxiplu jagħti lilu nnifsu, hu jsib aktar din l-imħabba. Dan joħroġ ċar ukoll mit-tieni qari ta' dan il-Ħadd: *Għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla. Dak li ma jħobbx ma għarafx lil Alla, għax Alla hu mħabba. B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja, biex ngħixu bih. U hawn qiegħda l-imħabba; mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna* (1Ġw 4,7-10). Jidher ukoll li l-kelmiet *ibqgħu fl-imħabba tiegħi*, jirriflettu kontenut prattiku u konkrett, kif fl-aħħar mill-aħħar hija l-karatteristika tal-imħabba.

v. 12-15 **Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien. Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu. Intom ħbiebi, jekk tagħmlu dak li jiena nikkmandakom. Ma nsejjħilkomx aktar qaddejja, għax il-qaddej ma jafx x'jagħmel sidu; sejjaħtilkom ħbieb, għaliex kull ma smajt mingħand Missieri jiena għarrafthulkom.**

L-imħabba ta' bejn l-Imgħallem u d-dixxiplu issa tieħu s-sura tal-imħabba ta' bejn id-dixxipli u tal-għotja għall-ħbieb. Dan il-kmandament hu ritornell kostanti kemm fil-vanġelu (ara p.eż il-kap. 13) u kemm, b'mod aktar frekwenti, fl-ewwel ittra ta' Ġwanni. Hu *l-kmandament tiegħi* (ta' Ġesù), mistqarr bix-xufftejn, u mgħix bl-għotja sas-salib, l-għotja li tinvolvi mewt. Hi għotja (*τὴν ψυχὴν αὐτοῦ θῇ*) mgħixha b'libertà u f'ubbidjenza lejn il-Missier: *Għalhekk*

*iħobbni  l-Missier, għax jien nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha. Ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minn rajja. Għandi setgħa li nagħtiha, u għandi s-setgħa li nerġa' neħodha; din hi l-ordni li ħadt mingħand Missieri* (10,17-18).

Din is-silta tagħti x'tifhem li wieħed ikun ħabib ta' Ġesù b'kundizzjoni: *Intom ħbiebi,* jekk *tagħmlu dak li jiena nikkmandakom.* Madanakollu l-għotja tal-Mulej isseħħ meta d-dixxipli jġibu ruħhom b'mod differenti ħafna minn tal-ħabib. *Meta aħna konna bla saħħa, Kristu, meta wasal iż-żmien, miet għall-ħżiena. Bilkemm wieħed imut għal wieħed tajjeb, għad li wieħed għandu mnejn jagħmel il-qalb u jmut għal wieħed ġeneruż. Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin* (Rum 5,6-8). Għalhekk aħna nkunu ħbieb ta' Ġesù meta nagħmlu dak li hu jikkmandana, iżda Hu jkun ħabib tagħna meta jagħmel dak li jrid il-Missier u għalhekk jingħata, anke meta ħbieb tiegħu m'aħniex. Fl-istess waqt, il-ħbiberija, anke dik umana, tikber meta hi reċiproka. U tikber mhux biss meta wieħed jirċievi, imma wkoll meta jagħti; tikber meta wieħed jagħmel affarijiet għal ieħor, f'dan il-każ għall-Mulej; tikber meta magħmula fl-intimità, xi kultant fis-satra fejn hu l-Mulej biss dak li qed jara' (Mt 6).

Dan kollu jidħol fil-kategorija tal-ħbiberija u mhux tal-qaddejja. L-Iben jaqsam ma' ħbiebu l-intimità ta' bejnU u l-Missier billi jgħarrafhom b'kollox. Hija l-karatteristika tal-ħbieb li jaqsmu l-affarijiet l-aktar għeżież u xi kultant mistura. Din ir-relazzjoni hija fuq il-livell tal-ħelsien u mhux tal-kostrizzjoni, tal-qrubija  tal-qalb u mhux tad-dover biss, tal-gratuwità u mhux tal-biża'. Hija relazzjoni li tikkontempla wkoll ir-rifjut u l-għeluq tal-ħbiberija, għall-kuntrarju tar-relazzjoni tas-sid mal-qaddej/skjav.

v. 16-17 **Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom, u ħtartkom biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa', ħalli kull ma titolbu lill-Missier f'ismi, huwa jagħtihulkom. Dan hu li qiegħed nikkmandakom: li tħobbu lil xulxin.**

F'dawn il-versi jispikkaw il-kliem marbuta mal-għażla għall-missjoni (tagħżel, taħtar, tmur, tagħmel il-frott). Huwa kliem sinifikattiv peress li fi Ġwanni nsibu pjuttost l-enfasi fuq l-imħabba lejn l-aħwa aktar minn dik universali u lejn l-għedewwa, bħalma nsibu fis-Sinottiċi: *Imma lilkom, li qegħdin tisimgħuni, ngħidilkom: "Ħobbu l-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil min jobgħodkom, bierku lil min jisħetkom, itolbu għal min iżeblaħkom. Min jagħtik bil-ħarta fuq naħa waħda, dawwarlu wiċċek ħalli jagħtik fuq in-naħa l-oħra...* (Lq 6,27-36). Għalhekk fi Ġw l-enfasi hu aktar fuq l-għajn ta' din l-imħabba, li ma tistax però tingħalaq

b'mod esklussiv fi ħdan il-komunità tal-aħwa, anzi għall-kuntarju, il-komunità trid tkun l-għajn li twassal għal dan. Madanakollu s-silta, mill-ġdid terġa' tagħlaq bis-sejħa: *dan hu li qiegħed nikkmandakom: li tħobbu lil xulxin*. Kważi wieħed jista' japplika il-kliem tal-Ewwel Ittra ta' Ġw dwar l-imħabba lejn Alla għall-imħabba lejn il-barrani li wieħed ukoll ma jarax. *Jekk xi ħadd jgħid: "Jiena nħobb 'l Alla", u jobgħod lil ħuh, dan ikun giddieb. Għax min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jista' jħobb lil Alla li hu qatt ma rah? Dan hu l-kmandament li tana hu: li min iħobb 'l Alla, iħobb ukoll lil ħuh* (1Ġw 4,20-21).

Nistgħu mbagħad naqraw il-kliem dwar il-frott u t-talb fid-dawl tas-silta ta' qabel (15,1-8).